MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2011

Numru. 922/2011

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Oivend Xuereb, iben Jesmond, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Diċembru, 1984, Karta ta’ l-Identita numru 328885(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli ġewwa s-Swieqi fil-lejl ta’ bejn it-30 u il-31 ta’ Lulju, 2011, ikkometta serq ta’ vettura tal-għamla Toyota Yaris, bin-numru tar-reġistrazzjoni GBL 534, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeċċedi l-€2,329.37, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serq sar għad-dannu ta’ John Bartoli u/jew persuni oħra;
2. talli fl-istess perjodu, lok, ħin u ċirkostanzi kkometta serq ta’ mobile phone ta’ l-għamla Samsung, €30 fi flus kontanti u apparat elettroniku, liema serq hu kwalifkat bil-

valur li jeċċedi l-€232.94 iżda li ma jeċċedix l-€2,329.37 għad-dannu ta’ l-imsemmi John Bartoli u/jew persuni oħra;
3. talli f’xi żmien bejn it-30 ta’ Lulju, 2011 u l-10 ta’ Awwissu, 2011 b’nuqqas ta’ ħsieb u/jew negligenza kkaġuna ħsara fl-imsemmija vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBL 534, liema ħsara teċċedi l-€116.47 u dan għad-dannu ta’ l-imsemmi John Bartoli u/jew persuni oħra;
4. talli fl-10 ta’ Awwissu, 2011 u fil-ġimgħat ta’ qabel f’diversi bnadi f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija titratta lill-imputat bħala li sar reġidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, mogħtija fis-17 ta’ Mejju, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma istax tiġi mibdula.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Awwissu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Awwissu, 2011 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputat ikkolabora bi sħiħ.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ dsatax (19) il-xahar priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------